MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 84/2005

**A B C**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratrici Legali Veronica Rossignaud nominati b' digriet tal-20 ta' April 2005 kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti D C.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn (2000) fir-registru taz-Zwigijiet Valletta, Malta, u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku, bin-numru ta' l-Iskrizzjoni elf, u tnejn u sebghin zbarra elfejn (1072/2000) vide Dok A;

Peress illi l-konvenut, li hu cittadin Sirjan izzewweg lill-attrici sempliciment sabiex jottjeni l-freedom of movement u mhux ghaliex ried jidhol f'rabta taz-zwieg maghha.

Peress illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett stante li kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-konvenut li jwettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Peress illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mmizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Peress li minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti huwa null u bla effett legali.

Jghid il-konvenut ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Gunju tas-sena elfejn (2000), huwa null u minghajr effett legali ai termini ta' l-artikolu 19 subartikolu 1 paragrafi (d) u (f) ta' l-Att XXXVII ta' l-1975 dwar iz-Zwieg.

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illu huma mhumiex edotti mill-fatti u rrizervaw li jissottomettu eccezzjonijiet ulterjui kif ikunu hekk edotti;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg kuntrattat minnha mal-konvenut fit-28 ta’ Gunju 2000 huwa null fil-ligi fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255, u dan ghar-ragunijiet esklussivament imputabbli lill-konvenut.

Il-Qorti semghet lill-attrici tiddeponi, u taghtiha piena affidament.

Mill-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fit-28 ta’ Gunju 2000 l-attrici, mara ta’ nazzjonalita’ maltija u residenti Malta, izzewwget lill-konvenut ragel ta’ nazzjonalita’ Sirjana, wara li kienu ilhom sena jafu lil xulxin. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Ir-raguni principali li minhabba fiha l-partijiet izzewwgu f’ dik id-data kien il-fatt li fid-29 ta’ April 2000 il-konvenut kien irceva ittra mill-Kummissjoni ta’ l-Emigranti fejn gie informat li l-applikazzjoni tieghu ghal status ta’ refugjat kienet giet rifjutata. Dan kien ser jikkaguna lill-istess konvenut diffikultajiet serja sabiex jkun jista’ jibqa’ jghix f’ Malta. Ghalhekk dawn izzewwgu fit-28 ta’ Gunju ta’ l-istess sena. L-attrici tkompli tghid li f’ Settembru tas-sena 2001 bis-sahha taghha bhala martu l-konvenut ottjena l-visa fuq il-passaport tieghu li bis-sahha taghha huwa seta’ jahdem f’ Malta.

Ftit wara l-konvenut telaq mid-dar konjugali u l-attrici ma ratux aktar. Sussegwentement wara li ghamlet rapport lill-Pulizija li zewgha l-konvenut kien nieqes, dana tfacca fl-ghassa tal-pulizija ma’ mara ohra u informa lill-attrici li huwa kellu relazzjoni ma’ din il-mara u ma riedx jghix izjed

ma' l-attrici. Minn dak in-nhar sallum ma ratux aktar u ma tafx fejn hu.

F' dan il-kwadru tal-fatti din il-Qorti tirravvisa fil-konfront tal-konvenut il-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255 li jikkontempla bhala wahda mir-ragunijiet ghall-annullament taz-zwieg l-ezkluzjoni posittiva da parti tal-konjugi jew ta' wiehed minnhom, jew taz-zwieg in-nifsu jew ta' obbligu matrimonjali essenzjali.

Kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002*, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, <u>esternament turi</u> li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' <u>att pozittiv tal-volonta'</u> taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] [*PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs A Tonna – 31.01.1996*]

Ghalhekk sabiex l-attrici tirnexxi f' din il-kawzali, jiehtieg li jigi provat sodisfacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, iz-zewg kontendenti, jew parti minnhom, internament kienet qed teskludi b'att posittiv tal-volonta' taghha jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huma il-*bonus fidei, il-bonus prolis u l-bonus vitae*, ossia l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied, u l-ben essere reciproku.

Fil-kaz odjern jirrizulta manifest li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, ghalkemm esternament il-konvenut deher li ta l-kunsens tieghu, internament u b' att posittiv tal-volonta' tieghu huwa eskluda l-obbligazzjonijiet matrimonjali kif fuq indikati. Huwa ma kellux l-intenzjoni li jghix il-hajja mizzewwga ma' l-attrici, izda kien biss

intenzjonat sabiex igib visa fit-tul biex ikun jista’ jghix f’ Malta.

Dan premess u kkunsidrat it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk timmerita li tigi milqugha in bazi ghal paragrafu [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-28 ta’ Gunju 2000. L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut; izda dawk relattivi ghall-kuraturi deputati ghandhom jigu provvizorjament sopportati mill-attrici.

**Imhallef**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------